-

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 52

[Nhar il-Tlieta 24 ta' Jannar 2023]

Il-Kunsilli Lokali l-Gżira ltaqa' bil-boardroom tal-Kunsill Lokali fil-5.30pm.

PREŻENTI:

Conrad Borg Manche – Sindku
Jeremy Cardona - Kunsillier
Mario Azzopardi – Kunsillier
Alexander Zammit – Kunsillier
Ian Buhagiar- Kunsillier
Hugh Caruana- Kunsillier
Jessica Borg- Kunsilliera

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ralph Mangion – Viċi Sindku
Neville Chetcuti – Kunsillier

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Anthony Attard – Deputat Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku beda l-laqgħa b'talba għal Pelin, it-tfajla li tilfet ħajjitha fil-konfini tal-Gżira wara traġedja nhar l-Erbgħa 18 ta' Jannar 2023.

| | |
|---|---|
| **52.1** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| 52.1.1 | Id-D.S.E informa li l-Viċi Sindku mhux se jkun jista jattendi minħabba x-xogħol waqt illi l-kunsillier N.Chetcuti ma jiflaħx. Kien hemm qbil illi jiġu skużati. |
| **52.2** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti** |
| 52.2.1 | Il-kunsillier I.Buhagiar ppropona li l-Minuti jiġu approvati. Il-kunsillier H.Caruana ssekondaħ. Kien hemm qbil unanimu. |
| **52.3** | **Korrespondenza mas-Sindku** |
| 52.3.1 | Kien hemm talba sabiex it-Tower Crane ġewwa Gzira road tingħata estenzjoni sall-aħħar ta' Marzu 2023. Kien hemm qbil izda ma testendix wara Marzu. |
| 52.3.2 | Kien hemm talba għal żewġ Tower Cranes ġewwa triq Ponsoby. Dawn se jintużaw għall-istess sit. Is-Sindku qal illi staqsa jekk possibli jsiru ġewwa s-sit izda dan mhux possibli. Wara diskussjoni kien hemm qbil illi tingħata permess izda li jkollu jħalli 3.5 metri bejn il-bażi u l-perkeġġ. |
| 52.3.3 | Is-Sindku qal illi waslet talba għal kumpens għall-ħsarat fuq vettura minħabba pothole ġewwa triq Edgar Bernard. Din se tintbagħat lill-avukat. |
| **52.4** | **Mistoqsijiet tal-kunsilliera** |
| 52.4.1 | Ma kien hemm l-ebda mistoqsija |
| **52.5** | **Rapporti** |
| 52.5.1 | Ma kien hemm l-ebda rapporti |
| **52.6** | ***Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** |
| 52.6.1 | Id-D.S.E qal illi ikkuntatjaħ il-Viċi Sindku qabel il-laqgħa peress illi hemm blokka għal Tower Crane ġewwa triq San Albert. Peress illi saret ftit ta' ġranet ilu jista jkun il-każ illi t-Tower Crane se ssir dalwaqt peress illi għanda tingħata ċans biex tinxef sew l-ewwel. |

| | |
|---|---|
| 52.6.2 | Id-D.S.E qal illi l-Viċi talab ukoll illi ssir zebra crossing quddiem fejn kien hemm l-A1. Din se tintbagħat lil TM. Ma dan il-punt is-Sindku qal napplikaw għal waħda fejn X-Zone u l-kunsillier I.Buhagiar talab illi jsiru bollards quddiem triq Guże Miceli. |
| 52.6.3 | Il-kunsillier J.Cardona qal illi hemm blind corner ġewwa triq Moroni k/m triq Cuschieri. Kien hemm qbil illi ssir laqgħa ma TM. |
| 52.6.4 | Il-kunsillier I.Buhagiar qal hemm mera mhix f'postha ġewwa Conception k/m Fleet. |
| 52.6.5 | Il-kunsillier A.Zammit qal illi hemm tabella 'Alighting and Boarding' fejn il-Kennedy li qed tintuża bħala Un/Loading. Se ssir talba biex din tinbiddel ħalli tinuża bħala parkeġġ wara nofsinhar u filgħaxija. |
| 52.6.6 | Il-kunsilliera J.Borg talbet għal update dwar il-pompa. Is-Sindku qal illi l-Lands appellaw. |
| 52.6.7 | Il-kunsilliera J.Borg qalet illi m'hemmx dawl fuq il-Promenade. |
| 52.6.8 | Il-kunsilliera J.Borg qal illi s-siġar għandom bzonn żabra u hemm bzonn ta' żebgħa mall-Promenade. |
| 52.6.9 | Il-kunsilliera J.Borg resqet talba biex isiru fannijiet ġewwa l-latrini pubbliċi għall-attendants. |
| 52.6.10 | Il-kunsillier M.Azzopardi talab illi l-lattrini għan-nies bi bżonnijiet speċjali jkunu msakkrin u l-attendants jiftħu meta xi ħadd bi bżonnijiet speċjali jew anzjan jidħol biex juża l-latrini. |
| 52.6.11 | Il-kunsillier J.Cardona talab illi ssir zebra crossing ġewwa triq Parisio. Id-D.S.E qal illi t-triq taqa' taħt Tas-Sliema. |
| 52.6.12 | Il-kunsillier H.Caruana staqsa x'inhi il-Malta Vocational Center. Is-Sindku wieġeb illi huma jġibu studenti ta' ERASMUS. |
| 52.6.13 | Il-kunsillier A.Zammit talab illi jintbagħatu l-Financial Statements li ġew ippreżentati ftit ta' laqgħat ilu izda li ma intbagħtux b'emajl. |
| **52.7** | **Management Letter** |
| 52.7.1 | Id-D.S.E qal illi l-Management Letter u t-tweġibiet intbagħtu lill-kunsilliera qabel il-laqgħa. Il-kunsillier A.Zammit ippropona li jiġu approvati. Il-kunsillier I.Buhagiar issekondaħ. |

| | |
|---|---|
| **52.8** | **Performance Bonus** |
| 52.8.1 | Id-D.S.E qal illi per se mhux qiegħed f'pożizzjoni bie jagħti marki lill-impjegati għall-input tagħhom matul 2022 peress illi kien hemm S.E oħra. Izda qal illi ra kif ħadmu fil-ħin qasir illi kellu kuntatt magħhom lejn l-aħħar tas-sena u li ħadem ma kull wieħed u waħda minnhom fil-passat u jaf x'jiswew u kemm jaħdmu. Għalhekk ippropona li jieħdu l-full Performance Bonus. Kien hemm qbil. |
| 52.8.2 | Is-Sindku qal illi għanda tintbagħat ukoll tas-Segretarja Eżekuttiva li telqet f'Diċembru. Kien hemm diskussjoni fejn il-Kunsill esprima li ma kienux kuntenti mall-maġġor parti tax-xogħol u ittieħdu marki dak il-ħin. Il-persentaġġ ġiet maħduma waqt il-laqgħa u se tintbagħat lid-DLG.<br>Fuq dan il-punt id-D.S.E qal illi hu informat illi ma l-ex S.E ma ħaditx il-Performance Bonus ta' 2021. Kien ġie approvat full bonus izda s-Sindku qal illi meta din intbagħtet lid-DLG, kinet għamlet żball u kitbet persentaġġ differenti. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi diġa ttieħdet deċiżjoni u għanda tiġi rispettata izda l-formola għanda terġa tintbagħat lid-DLG qabel ma tieħu l-persentaġġ.<br><br>**Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv informa li għaddew tlett sigħat. Kien hemm qbil unanimu biex il-laqgħa titkompla.** |
| **52.9** | **Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti** |
| 52.9.1 | Il-kunsillier I.Buhagiar ippropona li l-PAS tiġi approvata. Il-kunsillier H.Caruana ssekondaħ. |
| **52.10** | **Mozzjoni** |
| 52.10.1 | Ma kien hemm l-ebda mozzjoni. |
| **52.11** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 52.11.1 | Il-laqgha intemmet ghall-habta ta' 8.45pm. Is-seduta li jmiss se tkun nhar il-Tlieta 28 ta' Frar 2023 fil-5.30pm |

Konfermati, illum 28 ta' Frar 2023.

IFFIRMATA

Conrad Borg Manche
Sindku

IFFIRMATA

Anthony Attard
Dep. Segretarju Eżekuttiv